TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 332/10

**Anton Axiaq**
**vs**
**Scan Computer – PC Options Ltd**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-7 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mija u ħamsa u sebgħin ewro (€875), rappreżentanti prezz ta' *laptop* li beda jkollu l-ħsara, billi l-istampa tal-*laptop* bdiet tiġi maqsuma f'erbgħa.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *laptop* mingħand id-ditta intimata u dan inxtara fit-22 t'Awissu 2008 u l-iscreen beda jinqasam f'erba' biċċiet. Ir-rikorrenti ssottometta illi din kienet *factory fault* u għalhekk qed jippretendi t-tiswija b'xejn.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi din ma kinitx *factory fault* u kienet lesta biex issewwilu b'anqas spejjeż lill-istess rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ukoll ra r-rapport ippreżentat mir-rikorrenti, fejn jikkonsidra li għalkemm huwa rapport imniżżel mill-internet, jidher li hemm allegazzjonijiet illi dawn it-tip ta' *laptops* kienu *manufacturer's fault* u jinnota wkoll illi l-intimat ma ġab l-ebda prova sabiex jikkontradixxi l-allegazzjonijiet li kien hemm fir-rapport tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, stante li dan huwa konvint li huwa *manufacturer's fault* u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888